MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 432/2004

**Avantgarde Holdings Limited**

**Vs**

**Warp Speed Technologies Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax (11) t'Awissu 2004 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn, mitejn hamsa u sebghin lira u hamsa u temnin centezmu Maltin (LM2275.85), rapprezentanti din is-somma kwantu ghas-somma ta' LM1,979 prezz ta' mercja w in kwantu ghas-somma ta' LM296.85 rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-istess biegh ta' mercja, liema mercja giet supplita mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fuq ordni w inkarigu specifiku tal-istess socjeta konvenuta, liema prezz baqa' mhux imhallas minkejja d-diversi talbiet ghal hlas li sarulha, bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha nkorsi w ghad li jridu jigu

maghmula kollha kontra s-socjeta konvenuta, li r-rapprezentanti taghha kienu ngunti 'n subizzjoni.

Kopja tal-fattura giet anessa u markata bhala Dok. 'A'.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta pprezentata nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2004 fejn l-istess socjeta konvenuta esponiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa eccessiv u dan ghal diversi ragunijiet kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2005 xehed **Joseph Vella** prodott mis-socjeta attrici u dana fil-kapacita tieghu ta' Managing Director taghha. Spjega li l-ammont li qed jitolbu, huwa l-import tal-prezz ta' merkanzija ndikata fl-*invoice* a fol. 2 tal-process li kienet giet mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta qabel it-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2003. Spjega li l-biegh kien sar qabel ma giet mibghuta l-*invoice* esebita fl-atti. Qal li s-socjeta konvenuta kienet tghamel xi negozju mas-socjeta tieghu fis-sens li huma kienu jixtru minghandhom *computers* u darba minnhom, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, certu Neville Zahra kien qallu li kienu ser jifthu xi ufficini u thajjar jixtri xi ghamara adatta ghall-ufficini minghandhom. Huwa ghalhekk stiednu biex jara x'kien joghgbu w effettivament kien ghamel ordni skond Dok. 'A', w huwa sussegwentement kkonsenjalu dak li effettivament kien ghazel. Qal li diskussjonijiet dwar il-prezz ma kienx hemm, ghaliex fil-fatt huma kienu jixtru materjal minghandhom w ghalhekk kienu qed jahdmu bl-istess mod, fis-sens li meta jiskambjaw *invoices*, jindikaw l-prezzijiet relattivi. Spjega wkoll li notamenti ufficcjali ta'

meta effettivament kienu kkonsenjaw l-ghamara ‘n kwistjoni, m’ghandux, pero kien zmien ta’ meta effettivament fethu l-ufficcini w ghalhekk seta jsib l-invit ta’ dan l-*opening* sabiex jindika approssittivament meta kienet giet kkonsenjata l-ghamara. Qal li c-cerimonja tal-ftuh ta’ dawn l-istess ufficini zgur li kienet fis-sena 2002.

Ikkonferma li kien hareg l-*invoice* datat tmienja w ghoxrin (28) t’Ottubru 2003 peress illi huma kienu qed jinnegozjaw flimkien. Qal li kien hemm impjegat tieghu, certu William Pony li beda jikkomunika ma xi rapprezentant tas-socjeta konvenuta u fil-fatt kien jitkellem ma Neville Zahra u maz-zmien dan William Pony kien qallu li d-dirigenti tas-socjeta konvenuta kienu qeghdin jaraw li l-prezz kien eccessiv. Qal ukoll li huwa kien baghat diversi komuniki lis-socjeta konvenuta sabiex ihallsu, izda wara certu zmien qabad u baghat il-kaz f’idejn l-avukat tieghu ghaliex is-socjeta konvenuta baqghet ma halsitx tal-konsenja li kienet hadet.

Qal li ittra ufficcjali ma pprezentax izda f’Awissu 2003 huwa fetah l-kawza odjerna. Ikkonferma li sal-gurnata meta xehed kien ghadu ma ircieva ebda pagament jew risposta ufficcjali minghand is-socjeta konvenuta.

In kontro ezami x-xhud ighid li effettivament l-ufficini tas-socjeta konvenuta setghu nfethu fis-sena 2000 pero ma ftakarx b’ezatt. Jghid ukoll li ma kienx hemm *purchase order* f’dan il-kaz w ghalhekk ma kien hemm ebda ndikazzjoni ta’ prezzijiet. Cahad dak li gie suggerit lilu, li fil-fatt Neville Zahra kien jikkomunika ma-socjeta tieghu dwar il-kwistjoni ta’ prezzijiet. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien hemm xi oggetti ndikati fl-*invoice* li ma gewx konsenjati, x-xhud ighid li kienet l-ewwel darba li kien sema’ b’din l-allegazzjoni. Jghid li dan ma setax kien il-kaz ghaliex l-ghamara li kienet xtrat is-socjeta konvenuta, tehel ma xulxin, bicca ma bicca. Ikkonferma li setgha kien il-kaz li s-socjeta attrici verament kellha taghti lis-socjeta konvenuta xi flus fl-ammont ta’ erba’ mitt lira Maltin (LM400), pero ma kienx lest li jhallashom qabel ma jircievi l-hlas dovut lilu minghand is-socjeta konvenuta.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2005 dan ix-xhud rega' xehed w ikkonferma li meta kkonsenjaw l-ghamara, l-prezz kien ghadu ma giex stabbilit u kellu jkun stabbilit una volta tintbaghat l-*invoice* relattiva. Kien qal lil Neville Zahra li l-ghamara kienet ser tiswa piu o meno s-somma ta' LM2,000. Qal li l-ghamara li kien ried Neville Zahra huwa kellu *in stock* ghaliex kien ordnaha ghal xi Manager tal-Bank of Valletta u dan ma hadiex, izda dwar is-siggijiet li kien ried huwa, kellu jghamillu ordni minn barra ghalihom. Jghid li fil-fatt kien qallu li x-xoghol li ried kien bhal dak li kienet ordnat il-Bank of Valletta, izda li hu kien ser itih prezz specjali. Huwa kien imbaghad ta' ordni sabiex tinhareg l-*invoice* sabiex b'hekk ipacu dak li kien hemm pendent bejniethom. Ikkonferma wkoll li s-socjeta konvenuta qatt ma kelmitu dwar l-*invoice* 'n kwistjoni. Jghid biss li William Pony kien qal lil Neville Zahra li kien ra li l-ghamara gholja wisq. Mistoqsi jekk jafx x'sar mill-ghamara li kien kkonsenja, x-xhud ighid li ma jafx.

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2005 xehed **Godfrey Cardona**, prodott mis-socjeta attrici u dan fil-kapacita tieghu bhala impjegat taghha. Qal li xoghlu jikkonsisti filli jghamel installazzjonijiet tal-ghamara li tinbiegh u jikkonsenja l-ghamara bit-trakk. Jghid li kien ilu mpjegat mas-socjeta attrici, ghal erba' snin. Qal li s-socjeta konvenuta jaf biha u jiftakar li kien ghamel xi *delivery* ghandha u cioe tal-ghamara ndikata fl-*invoice* esbita a fol. 2 tal-process. Jghid li pero, ghalkemm fuq l-*invoice* hemm miktub id-data tat-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2003, l-konsenja saret hafna qabel. Qal li kien tkellem ma certu Neville Zahra ghan-nom tas-socjeta konvenuta u fil-fatt qal li ma kellux karti x'jiffirma u lanqas ma ntqalu xi kummenti partikolari.

Qal li meta mar bl-ghamara ghand is-socjeta konvenuta l-ufficcini ma kienux ghadhom lesti w ghalhekk kull ma kien ghamel kien, li hatt l-ghamara u tahom parir kif kellhom jarmawha. Qal li ma jidhirlux li l-ghamara kellha xi hsara fuqha. Kull ma jiftakar lil dan Neville Zahra ighid li kien hemm certu bicciet ta' ghamara li xtaq li kellha kulur aktar skur u huwa kien qallu sabiex jitkellem mad-Diretturi. Mistoqsi jekk kienx jaf b'xi ordni ohra ta'ghamara li

ghamlet is-socjeta konvenuta mas-socjeta attrici, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Quddiemu ma kienx sar diskors, la fuq il-prezz tal-ghamara u lanqas dwar il-hlas taghha. Il-konsenja saret f'darbtejn u dejjem kien hemm Neville Zahra biex jilqaghha.
Nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2005 xehed **William Pony** prodott mis-socjeta attrici u dana fil-kapacita tieghu ta' Amministratur tas-socjeta attrici**.** Qal li huwa beda jahdem mas-socjeta attrici f'Ottubru 2001. Qal li kien jitkellem ma certu Neville Zahra ghan-nom tas-socjeta konvenuta, u minnufih kien gie nfurmat mill-Managing Director tas-socjeta attrici, li kien hemm pendenza mas-socjeta konvenuta dwar prezz t'ghamara li ried li jaddebitaw fil-kontijiet taghhom dovuta mis-socjeta konvenuta. Fil-fatt ighid ix-xhud li dan Neville Zahra kien ifakkru fil-pendenzi li kellu mas-socjeta attrici u minnufih huwa kien jinfurmah bil-pendenza tal-ghamara u li ghalhekk setghu jittransigu l-pendenzi aktar tard. Jghid li dan Neville Zahra qatt ma cahad mieghu li effettivament kellu jaghti xi flejjes lis-socjeta attrici, pero dettalji ta' x'hiex kienet l-ghamara jew jekk kienitx ghas-sodisfazzjon tieghu, hu qatt ma kien tah.

Ikkonferma li kien hu li kien baghat l-*invoice* u din kienet tigi spedita kull xahar.

Jghid ukoll in kontr'ezami li Neville Zahra kien jitolbu sabiex jibghatlu l-*invoice* relattiva ghax ried ikun jaf kemm kienet tiswa l-ghamara li kien xtara pero jaf li kien hemm xi pendenxa ma tal-VAT.

Illi nhar id-dsatax (19) t'Ottubru 2005 xehed **Neville Zahra** fl-interess tas-socjeta konvenuta, fejn qal li huwa kien jghamel xi xoghol ghas-socjeta attrici billi kien jaghti *service* lill-apparat ta' *computers* li kien installa ghand is-socjeta attrici, pero jghid li *invoices* regolari ghax-xoghol li kien jghamel, ma kienx jibghat. Jikkonferma li l-ewwel darba li s-socjeta attrici talbitu ghal flus li kienu dovuti lilha kien fit-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2003 meta kien ircieva l-*invoice* esebita. Jghid li fil-fatt parti mill-ghamara indikata fl-*invoice* a fol. 2 tal-process ma kienx irceviha u parti ohra kien irritornha. Jghid li huwa kien ipprovoka il-

hrug ta’ din l-*invoice* ghaliex huwa kien ghamel xi xoghol ghas-socjeta attrici u ma kienx thallas u kien baghat kont u kien proprju wara li baghat dan il-kont kien ircieva l-*invoice* ‘n kwistjoni.

Jghid li fil-fatt kien ikkomunika ma William Pony u dan kien qallu “jekk intom ma tridux tibghatuli *invoice*, dik affari taghkom, imma tal-*invoices* tieghi, jien inrid nithallas.” Jghid illi huwa pprova jikkomunika ma Joseph Vella izda m’irnexxilux u meta tkellem ma William Pony ftit wara kien ircieva mandat ta’ sekwestru fuq flusu. Huwa jichad dak li qal Joseph Vella u cioe li kien qallu li l-ghamra kienet ser tiswa xi elfejn lira Maltin (LM2,000). Cahad ukoll li dak iz-zmien li huwa irceiva l-kont kien ghadu qed jinnegozja mas-socjeta attrici ghaliex fil-fatt kien diga qata’ kull kuntatt. Huwa kkonferma li kellu jiehu minghand is-socjeta attrici is-somma ta’ erba’ mitt lira (LM400) ghal xoghol li kien ghamlilhom fis-snin 2001 u 2002. Jghid illi huwa kien ghamel ix-xoghol xi tmien xhur qabel m’ircieva l-*invoice* ta’ l-ghamara minghand is-socjeta attrici, pero jghid li huwa m’insistiex biex jithallas press li kellu jaghti lis-socjeta attrici ghall-ghamara li kien xtara qabel.

Ikkonferma li ma ghamel l-ebda procedura sabiex jikkontesta il-prezz li kien indikat fl-*invoice*. Jghid li kien dispost li jhallas ghall-ghamara li kien xtara minghand l-attur nomine purche l-prezz kien ragonevoli u mhux dak mitlub. Jghid ukoll li d-*deliveryman* tas-socjeta attrici kien mar ghandu sabiex jigbor u jiehu lura xi ghamara, izda min kien ma jafx peress li ma jiftakarx ismu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin (23) t’April 2008 u lil partijiet jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Kif diga inghad, is-socjeta konvenuta qeghda tghid illi l-azzjoni ntavolata kontriha kienet perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu 2148 (b) jistipula illi:

“**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta’ kredituri għall-prezz ta’ merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;”

Illi din l-ipotesi, din il-Qorti tirrileva li minn imkien ma jirrizulta li l-merkanzija li bieghet is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta giet mibjugha bl-imnut. Dwar x’jikkonsisti “bl-imnut”, il-Qorti tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** deciza fis-sebgha (7) ta’ Dicembru, 2005 fejn intqal illi:

“*Fil-kaz ta’ bejgh “bl-imnut” huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara **Kollez. Vol. XLV P III p 813**). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista’ tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 959**);*

L-istess Qorti ta’ l-Appell kompliet tghid illi:

“*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f’opra (**Kollez. Vol. XXIII P I p 909**) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa (“**Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et**”,* Appell Civili, 22 ta’ Gunju 1970). *Ghalhekk il-grossista “vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata” mentri l-imnutant “vende per lo piu`a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro” (Vol. XXI P III p **235**). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-*

*Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b)*".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet xtrat ghamara minghand is-socjeta attrici 'l ghaliex kienet ser tiftah l-ufficcini taghha w ghalhekk kellha bzonn tali ghamara sabiex tkun tista  topera.  Ghalhekk zgur li ma kienx il-kaz li xtrat l-ghamara sabiex terga tinnegozjha. B'hekk il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta konvenuta tat din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' dan l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, ghaliex m'huwiex applikabbli.

Issa jmiss li jigi deciz allura l-kaz fuq il-mertu galadarba l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tas-socjeta konvenuta hija nfondata.

Jispetta ghalhekk li din il-Qorti tara jekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ghandiex tigi milqugha u cioe jekk verament l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa eccessiv.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li s-socjeta attrici bieghet ghamara lis-socjeta konvenuta f'xi zmien qabel m'inhareg l-*invoice* esebit a fol. 2.

Illi s-socjeta konvenuta ma tikkontestax dan il-fatt izda fin-nota t'eccezzjonijiet taghha tghid li l-ammont mitlub hu eccessiv filwaqt li fix-xhieda li ta Neville Zahra ghan-nom tas-socjeta konvenuta, dan jghid li effettivament is-socjeta attrici m'ikkonsenjatx l-ghamara kollha kif indikata fl-*invoice*.

Illi fit-trattazzjoni taghha l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta tghid li effettivament ma kienx hemm bejgh, ghalkemm l-ghamara tas-socjeta attrici ilha f'idejn is-socjeta konvenuta ghal dawn l-ahhar sitt snin, u dan ghaliex fil-fehma taghha, ma kienx hemm qbil fuq il-prezz, jew ahjar ma kienx hemm diskors dwar l-prezz tal-oggetti 'n vendita.  Izda ikkonfermat ukoll li is-socjeta konvenuta m'ghamlet xejn dwar il-konsenja li irceviet w ghamlet uzu

minnha ghal dan il-perijodu kollu li l-istess ghamara baqghet ghandha.

Illi Joseph Vella ghan-nom tas-socjeta attrici jghid li kien hu li nnegozja ma Neville Zahra ghan-nom tas-socjeta konvenuta u kien qallu li l-ghamara li kien ghazel hu kienet ser tiswa xi elfejn lira Maltin (LMn2,000), ghalkemm jammetti li ftehim attwali fuq l-prezz ezatt ma kienx hemm. Illi pero l-istess Joseph Vella jghid li Neville Zahra qatt ma qallu li ma kienx kuntent bl-ghamara jew li ghandu jmur u jigborha lura, anzi jghid li kienu ftiehmu li jpacu id-debiti li kien hemm bejniethom, stante in-negozju *on going* li kellhom bejniethom.  Mistoqsi jekk Neville Zahra qattx ilmenta mieghu fuq il-kwalita tal-prodott, x-xhud irrisponda fin-negattiv.

Joseph Vella jghid li spicca baghat l-*invoice* tant kemm kien jigri warajh Neville Zahra u hu appuntu ghalhekk, kif il-Qorti tistghageb kif l-avukat difensur tieghu jghid li ma kienx hemm bejgh.

Neville Zahra jghid li kien hemm xi nuqqasijiet fil-konsenja, u cioe li certu affarijiet indikati fl-*invoice*, qatt ma gew konsenjati lilu.

Il-Qorti pero ma thossx li din il-vertenza hija veritiera ‘l ghaliex kieku kien hekk, kien idum hames snin biex ighidha, u ma kienx jiehu passi sabiex l-oggetti ordnati jigu konsenjati, specjalment meta tqis li kienu jiffurmaw parti ntegrali mill-ghamara.  In oltre jekk ma kienx kuntent bl-ghamara, ma kienx jiehu passi sabiex jiddeposita l-istess taht il-kustodja tal-Qorti?

Mill-provi akkwiziti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-bejgh effettiv kien sar u s-socjeta konvenuta ghandha taghti l-ammont reklamat mis-socjeta attrici fl-avviz u cioe ta’ elfejn, mitejn hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu Malti (LM2,275.85c) rapprezentanti prezz ghall-ghamara mibjugha w ikkonsenjata lis-socjeta konvenuta, fatt dan li qatt ma gie kkontestat fin-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

**GHALDAQSTANT din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elfejn, mitejn, hamsa u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu Maltin (Lm2,275.85c), ekwivalenti ghal hamest elef, tlett mija u tlett (5303) Euro lis-socjeta attrici bl-imghax mid-data ta' meta l-ammont relattiv kien dovut sal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------